

DEĊIJONIJIET

DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/583

tad-9 ta' April 2021

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1073 dwar l-ekwivalenza ta' swieq magħżula tal-kuntratti fl-Istati Uniti tal-Amerika skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet (1), u b'mod partikulari l-Artikolu 2a(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1073 (2), il-Kummissjoni ddeċidiet li l-qafas ġuridiku u superviżorju li japplika għas-swieq magħżula tal-kuntratti (designated contract markets — DCMs) fl-Istati Uniti tal-Amerika (United States of America — USA), skont is-sorveljanza regolatorja tal-Commodity Futures Trading Commission (CFTC), jiżgura li d-DCMs jikkonformaw mar-rekwiżiġi ġuridiċi vinkolanti ekwivalenti għal dawk li japplikaw għal swieq regolati fl-Unjoni, u li dawk id-DCMs huma soġġetti għas-superviżjoni u l-infurzar effettivi fuq bażi kontinwa.
- (2) Minn minnu ġiet adottata d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2016/1073, għadd addizzjonali ta' DCMs stabbiliti fl-Istati Uniti kisbu l-awtorizzazzjoni tas-CFTC biex jinnejgozjaw fid-derivattivi. Fid-dawl tal-informazzjoni li waslet lis-CFTC, dawk id-DCMs addizzjonali jikkonformaw mar-rekwiżiġi ġuridiċi vinkolanti ekwivalenti għar-rekwiżiġi għas-swieq regolati tal-Unjoni kif stipulat fit-Titolu III tad-Direttiva 2014/65/UE (3). Barra minn hekk, uħud mid-DCMs imsemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2016/1073 annullaw l-awtorizzazzjoni tagħhom jew emendaw isimhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2016/1073 jiġi emdat skont dan.
- (3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2016/1073 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikkazzjoni tagħha p'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(1) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1073 tal-1 ta' Lulju 2016 dwar l-ekwivalenza ta' swieq magħżula tal-kuntratti fl-Istati Uniti tal-Amerika skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 178, 2.7.2016, p. 24).

(3) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (riformulazzjoni) (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

“ANNESS

Swieq magħżula tal-kuntratti fl-Istati Uniti tal-Amerika msemmija fl-Artikolu 1:

- (a) Bitnomial Exchange, LLC
 - (b) Cantor Futures Exchange, L.P.
 - (c) Cboe Futures Exchange, LLC
 - (d) Chicago Board of Trade (Board of Trade of the City of Chicago, Inc.)
 - (e) Chicago Mercantile Exchange, Inc.
 - (f) Commodity Exchange, Inc.
 - (g) ELX Futures, L.P.
 - (h) Eris Exchange, LLC
 - (i) ICE Futures U.S., Inc.
 - (j) KalshiEX, LLC
 - (k) LedgerX, LLC
 - (l) LMX Labs, LLC
 - (m) Minneapolis Grain Exchange, Inc.
 - (n) New York Mercantile Exchange, Inc.
 - (o) Nodal Exchange, LLC
 - (p) North American Derivatives Exchange, Inc.
 - (q) OneChicago LLC
 - (r) Small Exchange, Inc
 - (s) TrueEX LLC”
-